# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis erbghatax (14) taʼ Dicembru 2017**

**Rikors Numru 349/14 FDP**

**Christopher Mifsud**
**(ID 278082M)**

**vs**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira**
**U**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Ottubru 2014 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jem min minnhom sabiex ihallsuh is-somma ta' sebat elef, erbgha mija u erbgha u hamsin Euro (€7,457) rappresentanti danni sofferti mill-attur ghall-xogholijiet rimedjali li l-attur kellu jaghmel fuq il-bankina u Triq Antonio Sammut, Gzira, liema triq u bankina cedew minhabba l-istat hazin li kienu jinsabu fiha u dana unikament tort tal-intimati jew min minnhom.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ppresentata fis 7 ta' Novembru 2014 fejn laqghet ghal dak mitlub mir-rikorrent billi qajjmet is-segwenti eccezzjonijiet:

> *Illi l-Awtorita ghat-Trasport f Malta mhijiex responsabbli ghad-danni allegati mir rikorrenti; F' dan ir-rigward Awtorita' tirrileva illi hija m'ghamlet ebda xoghol hija stess fi Triq Antonio Sammut, il-Gzira u jew, f'xi lok iehor li seta' b xi mod dirett u/jew indirett, johloq xi nkonvenjent u/jew hsarat/danni lir-rikorrenti;*

*Illi minghajir pregudizzju ghas-suespost, skond l-Avviz Legali 29 tal-2010 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligi tal-formazzjoni skond is-sengha u l-arti tat-toroq residenzjali huma tas-sidien tal-propjetarji tal-fondi li jmissu maghhom u ghalhekk x-xoghlijiet li allegatament ghamel ir rikorrenti kellhom f'kull kaz isiru minnu skont il-ligi;*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe danni allegati huma kontestati; jehtieg ghalhekk li ssir prova mhux biss illi r-rikorrenti tassew sofrew danni bhala konsegwenza ta' xi agir illegali tal- intimata u izda ghandha wkoll titressaq prova tal-quantum ta' tali danni;*

Rat ir-risposta tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira ppresentat fl-10 ta' Novembru 2014, fejn laqghu ghal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti eccezzjonijiet:

*It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess:*

*1. FI-ewwel lok, in linea preliminari l-attur ippregudika kull azzjoni moghtija lilu mil-Ligi fil-mument illi hallas is-somma llum reklamata ghall-ezekuzzjoni ta' xogholijiet ta' stabilizzazzjoni ta' triq Antonio Sammut, il-Gzira, minghajr mqar rizerva ghad-drittijiet tieghu fil-konfront ta' terzi.*

*2. Fit-tieni lok, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istanti ma humiex responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill attur.*

*3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur jehtieglu jipprova d-danni minnu reklamati.*

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Christopher Mifsud**, ippresentat fid 19 ta' Jannar 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija ir-rapport li sar mir-rikorrent lill-Pulizija fit-30 ta' Mejju 2013 (fol 15), ir-rapport tal-Perit Mario Formosa mqabbad mir-rikorrent u datat 8 ta' Gunju 2013 (fol 17).

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Mario Formosa** prodott mir-rikorrent u moghtija fit 13 ta' April 2015.

Rat l-affidavit ta' **George Mifsud**, missier ir-rikorrenti, ippresentat fit-13 ta' April 2015.

Rat l-affidavit ta' **Jesmond Micallef**, propretarju tad-ditta J Micallef Building and Construction Limited, li ghamel ix-xogholijiet ta' skavar u bini tar-residenza tar-rikorrent.

Semghet ix-xhieda tal-**PS 1033 Sandro Mangion**, bhala rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, prodott mir-rikorrent u moghtija fis 26 ta' Novembru 2015 u rat ir-rapport tal-Pulizija minnu esebit.

Semghet ix-xhieda ta' **Fabian Borg**, Assistant Principal fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Gzira, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-26 ta' Novembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit David Vassallo**, Head of Maintenance Unit fi hdas l-Awtorita' ghat-trasport f'Malta, prodott mir-rikorrent u moghtija fl-4 ta' Frar 2016.

Rat illi fl-4 ta' Frar 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Christopher Mifsud moghtija fl-14 ta' April 2016 u fit 2 ta' Gunju 2016 fejn esebixxa wkoll serje ta' dokumenti.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ George Mifsud moghtija fit 2 ta’ Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Jesmond Micallef moghtija fis 7 ta’ Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Joe Bugeja**, perit tal-Kunsill Lokali Gzira, moghtija fit-3 ta’ Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda tal-Perit David Vassallo, prodott mill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta u moghtija fit 3 ta’ Novembru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Oliver Magro**, bhala rappresentant tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, moghtija fit 23 ta’ Jannar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami tal-Perit Mario Formosa moghtija fis-16 ta’ Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta’ **Nicholas Baldacchino**, Legal Support Manager fi hdan ir-Roads and Infrastructure Directorate tal-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta moghtija fis 16 ta’ Marzu 2017 kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-affidavit ulterjuri ta’ Nicholas Baldacchino ippresentat fis 6 ta’ Lulju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis 6 ta’ Lulju 2017, il-partijiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tar-rikorrenti ippresentati fil 25 ta’ Settembru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tal-intimat Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira ppresentati fit 30 ta’ Ottubru 2017.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tal-intimat Awtorita’ gha-Trasport f’Malta ppresentati fis 27 ta’ Novembru 2017.

Rat illi fis 27 ta’ Novembru 2017 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent kien sid ta’ plot ta’ art gewwa Triq Antonio Sammut, Gzira, fuq liema plot ir-rikorrent kien applika u ottjena permess sabiex jibni semi-detached villa fis-sena 2012.

Jirrizulta illi, skond rapport redatt mill-Perit tar-rikorrenti, il-Perit Mario Formosa, perit tar-rikorrenti, fis 7 ta’ Frar 2013 (fol 207) li gie ppresentat lill-MEPA qabel ma nbdew ix-xogholijiet tal-bini, huwa stqarr is-segwenti:

> *The street in front of the site is already paved and there are no potholes or any other defects in the tarmac finish. The surface is generally smooth and free from any significant depressions, bumps or other deformities.*

*The raised pedestrian walkway is composed of castin-situ concrete (broom finish divided into bays) with an edge defined by means a precast concrete kerb. The walkway is in a good condition however the top surface is not entirely flat but slightly undulating (see straight yellow line and exaggerated curvature indicated by the dashed white curve in photograph 3).*

Tali konstatazzjoni tidher kkorroborata minn ritratti mehudha mill-Perit stess a fol 209 tal-process.

Jirrizulta illi hekk kif bdew isiru x-xogholijiet ta' skavar fuq il-plot, irrizulta illi l-plot kien fih hafna terrapien fil-parti tal-plot illi tmiss mat-triq, u jirrizulta illi, fil-process ta' l-iskavar, il-haddiema mqabbda mir-rikorrenti niezlu aktar minn ghoxrin filata taht il-livell tat-triq, fejn kull ma kienu nehhew kien terrapien sabiex jaslu ghal-livell tal-blat minn fejn imbghad setghu jibdew itellghu id-dar tar-rikorrent. – vide ritratt a fol 21.

Jirrizulta illi hekk kif nehhew it-terrapien biswit it-triq, irrizulta mal-ewwel illi l-bazi tat-triq kienet ukoll maghmulha minn terrapien, bir-rizultat illi r-rikorrent kellu jieqaf mix-xogholijiet ta' skavar sakemm tinstab soluzzjoni biex ma ssirx hsara lit-triq – vide ritratt a fol 22.

Jirrizulta illi, eventwalment, sabiex jkun jista jkompli bix-xogholijiet ta' bini tieghu, ir-rikorrent kellu jtella hajt ta' appogg, ossija '*retaining wall*', ta' madwar ghoxrin filata, li ttella bejn il-propjeta' tar-rikorrenti w il-bankina, sabiex il-parti tat-triq illi tmiss mal-propjeta' tar-rikorrenti tigi msahha u jigi assikurat illi ma ccedix filwaqt illi l-propjeta' tar-rikorrenti tigi wkoll protetta minn tali triq – vide ritratti a fol 23 sa 28 tal-process.

Jirrizulta illi r-rikorrent, dakinhar illi intebah bil-problema, jigifieri fit-30 ta' Mejju 2013, ghamel rapport ghand il-Pulizija (fol 15), u sussegwentement irrapporta l-kaz mal-Kunsill Lokali tal-Gzira, liema Kunsill irrefera l-ilment tar-rikorrent lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, peress illi sahqu illi l-kostruzzjoni u l-pedamenti tat-toroq ma kienx responsabbilta' taghhom.

Jirrizulta illi responsabbilta' ghal tali danni ma gewx accettati u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-Artikolu 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57 jipprovdi dan li gej:

*(1) L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:*

*Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.*

*(2) L-Awtorità ghandha taghmel dak kollu li tista' biex tizgura l-oghla livelli ta' kwalità u sigurezza fil-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, manutenzjoni jew xoghlijiet ohra f'toroq u li dawk ix-xoghlijiet isiru biss minn kuntratturi kif imfissra taht dawn ir-regolamenti.*

*(3) L-Awtorità ghandha zzomm elenku, li jkun disponibbli meta jintalab, tat-toroq kollha kif klassifikati minnha u hi tista', f'kull hin, thassar jew izzid toroq f'dak l-elenku.*

Jirrizulta illi skond il-lista ppubblikata mill-Awtorita u esebita fl-atti tal-process, it-triq fejn tinstab il-propjeta meritu tal-kawza odjerna, ma hijiex meqjusa bhala triq arterjali jew distributorja, u ghalhekk ma taqax taht ir-responsabbilta tal-Awtorita, fejn jikkoncerna manteniment, titjib u manutenzjoni tat-triq.

Jirrizulta illi a tenur tal-Artikolu 33 (1) (a) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap 363:

> *(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*
>
> *(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata:*
>
> *Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

Jirrizulta illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi Triq Antonio Sammut, Gzira, hija triq pubblika u mhux triq privata, u ghalhekk, abbazi tal-Ligi kif fuq indikata, il-Kunsill Lokali tal-Gzira huwa responsabbli sabiex izomm tali triq fi stat tajjeb u mantnuta sew.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi, skond ir-rapport tal-Perit Mario Formosa, fis-7 ta' Frar 2013, jigifieri qabel ma nbdew ix-xoghlijiet ta' skavar u bini da' parte tar-rikorrenti, huwa kien irrileva illi t-triq kienet fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma kellha ebda indikazzjonijiet ta' difetti jew hsarat, kif jidher fl-estratt tar-rapport fuq gia riprodott u fir-ritratti esebiti ma' tali rapport u fuq gia msemmija.

Jirrizulta ukoll, skond ix-xhieda tal-Perit David Vassallo, illi huwa l-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-Manteniment tat-Toroq, illi it-triq meritu tal-kawza odjerna, ossija Triq Antonio Sammut, Gzira kienet gia iffurmata u utilizzata bhala triq meta gie kkreata l-ewwel darba il-Kunsill Lokali Gzira fis-sena 1993 u d-Dipartiment tat-Toroq ma ghandu ebda indikazzjoni meta attwalment inbniet it-triq, liema fatt hija indikazzjoni li t-triq kienet ilha ffurmata u utilizzata ghal hafna snin.

Jirrizulta, finalment, illi mal-parti tal-propjeta tar-rikorrenti illi tmiss mat-triq, huwa nizel ftit anqas minn zewgt sulari, precizament ghoxrin filata, sabiex wasal ghal-livell tal-blat, u sabiex ghamel dan huwa nehha t-terrapien illi kien hemm fil-plot tieghu, inkluz dak it-terrapien illi kien qieghed biswit it-triq u naqas milli jzomm id-distanza regolamentari stabbilita fl-Artikolu 439 tal-Kap 16 illi jistabilixxi li:

> *Ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju.*

Jirrizulta illi, kif xehed il-Perit David Vassallo korrettement fix-xhieda tieghu moghtija fit 3 ta' Novembru 2016:

> *" ... huwa l-obbligu ta' min ser jizviluppa li jara li jaghmel ilqugh mhux biss ghat-triq imma ghall-propjetajiet l-ohrajn kollha, inkluz it-triq."*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi t-triq, li r-rikorrent jillamenta li ma nbietx bl-ilqugh necessarji, inbniet hafna snin ilu meta il-ligi kienet tobbliga lill min jibni l-propjeta' sabiex jifforma t-triq skond il-Ligijiet tal-Pulizija dak iz-zmien vigenti w certament la l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u wisq anqas il-Kunsill Lokali Gzira ma jistghu jinzammu responsabbli ghal-mod kif kienet mibnija t-triq hafna snin ilu.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien obbligu tar-rikorrent illi jassikura ruhu illi, meta jaghmel xogholijiet ta' skavar, jaghmilhom skond il-Ligi b'mod illi ma jaghmilx hsara lill terzi, inkluz it-triq pubblika, u ghalhekk kien obbligu fuq ir-rikorrent, li ghalih ma ghandhux dritt ta' risarciment, illi jaghmel dak kollu mehtieg fil-propjeta tieghu, inkluz, bhalma gara fil-kaz odjern, li jtella '*retaining wall'* ta' ghoxrin filata u jimla l-vojt bejn il-hajt u t-triq bil-konkos, sabiex jassikura illi ma ssirx hsara lill-terzi u, fil-kaz odjern, lit-triq li kienet biswit il-propjeta tieghu.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici kif dedotta.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur